V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10646 – Microsoft / Activision Blizzard)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2022/C 386/06)

1. Fit-30 ta' Settembru 2022, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Microsoft Corporation ("**Microsoft**", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— Activision Blizzard, Inc. ("**Activision Blizzard**", l-Istati Uniti tal-Amerka).

Microsoft takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' Activision Blizzard kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— Microsoft: kumpanija globali tat-teknoloġija li toffri firxa wiesgħa ta' prodotti u servizzi lill-klijenti permezz tas-segmenti operattivi li ġejjin: Il-Produttività u l-Proċessi tan-Negozju; Cloud Intelliġenti; u Computing Aktar Personali. Permezz tal-Gaming Business tagħha, Microsoft hija attiva bħala żviluppatur u pubblikatur ta' logħob għal kompjuters personali (personal computers, "**PCs**"), consoles tal-logħob u apparat mobbli u hija attiva bħala distributur ta' logħob għal kompjuters personali u consoles. Barra minn hekk, Microsoft toffri l-Xbox gaming console u servizzi relatati;

— Activision Blizzard: żviluppatur u pubblikatur tal-logħob għall-PCs, consoles tal-logħob u apparat mobbli u distributur tal-logħob għall-PCs.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10646 – Microsoft / Activision Blizzard

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").